MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Numru 367/2005

Il-Pulizija
(Sp Kevin Borg)
vs
Jacques Bonett, iben Jean,
imwieled Attard fid-9 ta'
april, 1968

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, u cioe' fil-perjodu ta' bejn il-5 ta' jannar, 2005 u il-21 ta' jannar, 2005, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. ikkometta serq ta' 'cheque book' tal-HSBC, għad-dannu ta' J & R Vassallo Ltd.;
2. talli ffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu pprezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' l-oġġetti, jew jiġbor depozitu, jew

rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
3. talli xjentement għamel użu minn ċedula, polza, ordni jew dokumewnti oħra falsifikati, imsemmija fit-tieni akkuża;
4. talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm1,000 bi ħsara ta' J & R Vassallo Ltd.;
5. talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' ġunju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' diċembru, 2005 fejn il-Probation Officer ipprezenta r-rapport tiegħu u l-prosekuzzjoni eżebit lista ta' cheques li ġew użati mill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' mejju, 2006 fejn l-imputat reġa tenna l-ħtija tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issib lill-imputat ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 284, 167(1), 169, 308

u 309 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Rat l-artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' "Ordni ta' Supervizjoni" għal perjodu ta' tlett snin mil-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm1,449.50 kumpens lill-persuni defrawdati fi żmien sitt xhur mil-lum. Tordna n-notifika ta' din is-sentenza lis-'Senior Probation Officer'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------